# PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

Onor. Imħallef Henri Mizzi

**Numru: 4**

**Illum 19 ta' Jannar, 2024**

**Rikors Nru. 835/2023**

**Michael Fiorini 991047M,**

**Anthony Ferdinand Fiorini 450442M**

**u Adrian Fiorini 921450M**

**v.**

**Christian Laus 43394M**

Din hi kawża fiha l-atturi qed jitolbu l-iżgumbrament tal-konvenut Christian Laus mill-fond numru 17, gà numru 7, Sqaq l-Għajn , Hamrun gilli hu allgat li l-konvenut m'għandu ebda titolu fuq l-imsemmi fond. L-atturi talbu ukoll li l-qorti timxi skont l-artikolu 167 tal-Kap.12, jiġifieri bid-dispensa tas-smigħ.

Il-kawża ġiet debitament notifika lill-konvenut li deher fis-seduta tad-19 ta' Jannar, 2024. Mistoqsi mill-qorti, għal-darba darbtejn, jekk jixtieqx iqabbad avukat, irrisponda fin-negattiv. Mistoqsi wkoll għandux xi jgħid fir-rigward tat-talba (wara l-qorti spjegatlu l-istess u wissietu dwar il-konsegwenzi ta' sentenza) hu wieġeb li jixtieq biss li l-atturi jagħtuh żmien biex isib abitazzjoni alternattiva.

Billi dak mixli mill-atturi mhux ikkontesta u billi, in effett, il-konvenut ammetta li m'għandu ebda difiża x'iressaq, il-qorti tara li t-talbiet għandhom jintlaqgħu.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' t-talbiet u tiffissa d-data tal-15 ta' Marzu, 2024 bħala d-data li fiha l-konvenut irid jiżgombra mill fond numru 17, gà numru 7, Sqaq L-Ghajn, Hamrun.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Henri Mizzi

Imhallef

Tristan Duca

Deputat Registratur